MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 231/2010

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li jippremetta :

1. Illi r-rikorrenti A B u l-intimata C B izzewgu fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u tmenin (1985) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok MP 1;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, u cioe' M u K B rispettivament, li llum il-gurnata huma maggorenni;
3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha imposibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;
4. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fl-ismijiet premessi datat it-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u tmenin (1985) hawn fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti qed toggezzjona ghat-talba tal-attur rikorrenti, u cioe' illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, stante illi ma jirrikorrux l-elementi mehtiega sabiex isir tali propunzjament minn din il-Qorti

dwar iz-zwieg taghhom, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi jsegwi ghalhekk illi l-eccipjenti m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi rrizulta mill-provi prodotti u dan skont kif xehed l-attur, illi il-partijiet iltaqghu f'Awwissu 1982 u l-partijiet kienu johorgu darba jew darbtejn fil-gimgha, l-attur kien jahdem it-Tarzna u kien jaghmel ukoll is-sahra u ghalhekk kien jista` johrog biss mal-konvenuta fil-weekend, u f'dawk il-granet matul il-gimgha meta ommha ma kienx ikollha fejn tmur. L-attur xehed illi dejjem kien ihallas hu ghaliex omm il-konvenuta, apparti li ma kienitx issajjar matul il-gimgha, kienet tohdilha hafna mill-paga u ghalhekk il-partijiet ma tantx kellhom flus ghalihom infushom. Effettivament skont l-attur, il-konvenuta kienet taghti hamsin lira lil ommha mill-paga u zzomm tlett liri biss ghaliha li minnhom tixtri id-detergenti biex tahsel hwejjigha u dawk tal-familja kollha. Ommha kienet tinsisti li l-flus kollha li jaqalghu ghandhom jghaddu ghandha biex tmexxi kollox hi. L-attur xehed illi l-facendi kienu jaghmluhom il-konvenuta u t-tlett hutha z-zghar u hutha l-kbar kienu dejjem jigru 'l barra u huha l-kbir dejjem kien ikun il-kazin. Kien hu li kien jaghmel ix-xoghol tal-

manutenzjoni kollha fid-dar ta’ omm il-konvenuta. Kien ghalhekk li l-konvenuta ddejjqet u riedet tehles minn ommha u tizzewweg u dana wkoll ghaliex ommha kienet taghmlilha hafna sikkatura u tinsisti li hi bhal hutha, jkunu d-dar fl-ghaxra ta’ fil-ghaxija. L-attur kompla jixhed illi darba minnhom omm il-konvenuta kecciet lill-oht il-konvenuta t-tewmija mid-dar peress illi kienet irritornat ftit tard, minkejja l-fatt li kienet avzata b’dan. Oht il-konvenuta spiccat torqod go karrozza u kien ghalhekk illi hu offrilha biex torqod fil-post li kien kera biex imorru jghixu fih wara li jizzewgu hu u l-konvenuta, kif fil-fatt ghamlet oht il-konvenuta, izda wara ftit taz-zmien kienet sabet post u krietu. Il-konvenuta wkoll ghamlet zmien tghix f’din id-dar u f’dan l-istadju omm il-konvenuta kienet haditha kontra l-konvenuta u l-gharus taghha, jigifieri l-attur. L-attur ra kif ghamel sabiex jirranga hu u jghammar id-dar li kien kera f’Isla, kollox a spejjez tieghu, peress illi l-konvenuta kienet qeghda tmantni kompletament lill-familja taghha bil-paga taghha u beda jahdem bl-*overtime* u ukoll part-time job sabiex ikollu bizzejjed flus biex jizzewweg u konsegwenza ta’ dan ma kienx jiltaqa` hafna mal-konvenuta u meta kienu jiltaqghu kienu jitkellmu biss dwar il-problemi li kellha l-konvenuta d-dar ta’ ommha. Appena d-dar kienet lesta, l-partijiet izzewwgu u kif qalet li kienet ser taghmel, omm il-konvenuta ma marritx ghat-tieg. Ovvjament ma tatha l-ebda dota jew rigal tat-tieg u kienet biss omm l-attur li kienet ghenet lill-partijiet u ghamlitilhom xi haga mid-dota. L-attur kompla jixhed illi huwa ma tantx kien jaf lill-konvenuta u kwazi ma kien jaf xejn dwar il-karattru taghha ghaliex ma kellhomx zmien isiru jafu lil xulxin minhabba l-problemi kbar li kienet tohloqilha omm il-konvenuta. Marru tlett ijiem biss Ghawdex ghall-honeymoon, izda wara gurnata nizlu Malta ghaliex kienu ddejjqu u din ghall-attur kienet l-ewwel indikazzjoni illi z-zwieg taghhom kien zball mill-bidu sal-ahhar. Il-konvenuta kienet hadmet biss sad-data meta saret taf li kienet harget tqila bl-ewwel wild tal-partijiet. Wara ma hadmet qatt hlief ghal tlett xhur meta t-tfal tfarfru u l-piz rega` waqa` kollu fuq l-attur. L-attur ma setghax jifhem ghaliex il-konvenuta ma riditx tghinu finanzjarjament. Kien dejjem ihossu wahdu, fl-ahhar mill-ahhar kollox kien jiddependi minnu u l-paga tieghu ma kienitx isservi ghalih, il-mara u z-zewgt itfal, minkejja li kien jahdem it-Tarzna u jaghmel is-sahra u kien anki fetah hanut tal-fotografijja u jahdem is-Sibtijiet u l-Hdud. Jaqla kemm jaqla flus qatt ma kienu bizzejjed u kienu jisparixxu wara ftit granet. Meta jistaqsi lill-konvenuta

fejn kienu qed imorru dawn il-flus kollha, qatt ma taghtu sodisfazzjon u kien jissuspetta li l-konvenuta kienet baqghet taghti l-flus lil ommha kif kienet taghmel qabel ma zzewgu, izda qatt ma kellu konferma ta’ dan. L-attur ra li l-konvenuta ma kienitx il-mara li setghet tghinu u tifhmu u ir-relazzjoni ta’ bejniethom qatt ma zviluppat f’wahda ta’ mara u ragel mizzewwgin. Qatt ma kien hemm l-imhabba u l-passjoni li suppost ikun hemm bejn il-mizzewgin u ghalkemm kellhom l-ulied, mhux l-ewwel darba li ghamlu xhur ma jersqu lejn xulxin. Kienu jargumentaw ferm anke quddiem it-tfal u l-attur irrejalizza li ma kellhom xejn in komuni bejniethom hlief l-ulied. L-attur meta jhares lura jara li huma zzewwgu biss ghal ragunijiet hziena, u cioe` hu kien thassar lill-konvenuta u xtaq li jehlisha mill-problemi li kellha d-dar minghajr ma rrejalizza li ma kien jaf xejn dwarha jew ahjar ma kienx jaf bizzejjed sabiex jizzewwigha u jqatta` hajtu maghha.

Illi xehed W B, hu l-attur u kkonferma x-xiehda li ta l-attur, fis-sens illi l-attur izzewweg sabiex jehles lill-konvenuta mill-inkwiet kollu li kellha d-dar ta’ ommha. Huwa kkonferma illi omm il-konvenuta kienet tiehu l-paga kollha tal-konvenuta u li l-konvenuta kellha nkwiet kbir ma’ ommha u darba minnhom anke marret tghix fid-dar illi kienu krew il-partijiet fl-Isla, minkejja l-fatt illi din id-dar kienet ghadha mhix lesta. Huwa xehed li huh kien jahdem lejl u nhar u anke fil-weekends u kien jghidlu illi l-flus qatt ma jservu. W B xehed illi wara z-zwieg il-problemi ta’ bejn il-partijiet ma solvewx ruhhom peress illi l-attur baqa` jahdem xorta wahda lejl u nhar u l-flus qatt ma jservu.

Illi xehed Ronald Pellegrini, habib tal-attur u qal illi l-attur, wara li ltaqa` mal-konvenuta, kien inbidel, fis-sens illi ma baqax jattendi ghall-attivitajiet politici u trade unjonistici kif kien jaghmel qabel peress li mohhu biss kien li jahdem lejl u nhar, sahra, part-time eccetra. Ix-xhud qal illi kien jaf  lil omm il-konvenuta, li kienet tghid ukoll kliem kontra l-attur, ukoll kontra l-konvenuta u jaf illi l-attur kien qieghed jahdem lejl u nhar sabiex ifittex ilesti d-dar u jizzewweg lill-konvenuta biex jehlisha mill-problemi illi kellha fid-dar ta’ ommha.

Illi xehed ukoll certu Leslie Bonnici, habib tal-partijiet, illi xehed illi sar jaf lill-attur meta kienu jahdmu t-tnejn it-Tarzna u kienu attivi f'Union u gieli wkoll siefru flimkien. Hu kien hareg ukoll ma' oht it-tewmija tal-konvenuta li kien jisimha Angela, izda ma damx johrog maghha. Kien jaf illi kien hemm problemi kbar mal-kunjata tal-attur u nduna b'dan anke fil-ftit zmien li hareg ma' Angela. Effettivament induna li kellhom background ikrah u li riedu johorgu minn dik is-sitwazzjoni mill-aktar fis possibbli minhabba s-sikkatura li kienet taghmlilhom ommhom u kien ghalhekk li ddecieda li ma jkompliex johrog ma' Angela. Is-Sur Bonnici xehed illi jiftakar lill-attur johrog il-flus kollha li kien gemma sabiex ihallas rigal biex b'hekk ikun jista` jikri dar l-Isla u jaf li kien jahdem lejl u nhar biex igemma u jaghmel ix-xoghol kollu f'din id-dar hu. L-attur kien jghidlu li ried ifittex jizzewweg lill-konvenuta biex jehlisha mill-problemi ta' ommha. Hu jaf ukoll li kien l-attur illi kien hallas ta' kollox peress illi l-konvenuta ma kienx ikollha l-flus f'idejha ghaliex kienet taghtihom kollha lil ommha. Is-sitwazzjoni baqghet l-istess anke wara z-zwieg peress illi l-piz finanzjarju kien waqa` kollu fuq l-attur.

L-attur in kontro-ezami xehed illi wara ftit xhur kien beda jidhol fid-dar tal-konvenuta, il-konvenuta kellha hafna hutha u ma kellhomx missier u ghalhekk kien jaghmel ix-xoghol tal-manutenzjoni kollu hu u materjal anke minn flusu u kien jinduna li matul il-gimgha l-konvenuta ma kienitx tkun kielet ghaliex ommha ma kienitx issajjar u ghalhekk kien jixtrilha biex tiekol matul il-gimgha, kollox minn flusu u dan waqt l-gherusija. Mistoqsi, l-attur wiegeb li omm il-konvenuta kienet tkun fuq is-sufan mimduda minn filghodu sa filghaxija u darba kull tlett xhur kienet tmur Sqallija bil-vapur u tiehu lil xi hadd mit-tfal maghha. Kienet taghmillhom hafna sikkatura u kienet trid tkun taf il-hinijiet li ser johorgu, fejn ser imorru u kemm ser idumu. Is-Sibt kienet tohrog u kienet thalli lit-tfal kollha jistennewha barra l-bieb ghaliex hadd minnhom ma kellu c-cavetta tad-dar. Mistoqsi min mill-partijiet kien ippropona z-zwieg, l-attur xehed li ma kienx hu li ppropona z-zwieg izda ftehmu flimkien illi jiehdu l-*engagement* u wara riedu jsibu data vicina sabiex il-konvenuta tehles mis-sitwazzjoni li kellha d-dar ta` ommha. Kienet il-konvenuta li ghazlet il-knisja u flimkien kienu ghazlu l-Corrigo Hall peress li ma tantx kienet ghalja bhala sala. Il-*caterer* kien jigi minnu, il-karrozzi ghazluhom

flimkien u min hadilhom il-video kien habib tal-attur u ma zammilhomx flus. L-attur kompla jixhed illi kienet telghetlu wkoll plot tal-gvern izda ma hadhiex ghaliex kienet tinvolvi iktar spejjez biex jibniha u ghalhekk iddecieda li jikri post biex ifittex jghaggel u jizzewweg lill-konvenuta u jehlisha mis-sitwazzjoni li kellha fid-dar. Huwa xehed illi kien ihobbha lill-konvenuta izda ma kienx jaf il-karattru taghha sew u ma kellux hin isir jafu peress li kien jahdem lejl u nhar u l-unika hin li kien ikollu liberu kien iqattghu jlesti d-dar fejn kienu ser imorru joqghodu wara li jizzewgu.

Ikkunsidrat;

Illi xehdet il-konvenuta u qalet li huwa minnu li kien hemm il-problemi fid-dar ta' ommha fis-sens li hi riedet taghti l-paga kollha lil ommha li kienet separata minn ma' missierha u dan peress li kienu seba ahwa d-dar, ommha kienet tahdem izda mbaghad kienet waqfet u ghalhekk hi kellha tikkontribwixxi biex tghajjex lil hutha izghar minnha. Izda hija xehdet li ma hbiet xejn mill-attur u hu kien jaf b'din is-sitwazzjoni u kien kuntent b'din is-sitwazzjoni u ried jizzewwigha. Hija xehdet illi kemm l-attur u kif ukoll hi kienu gharajjes lil haddiehor qabel ma ltaqghu. Ftit wara li ltaqghu, bdew jiehdu lil xulxin bis-serjeta` u skont hi kien l-attur li ppropona z-zwieg, sab post l-Isla bil-kera, hallas ir-rigal u kellu jhallas ta' kollox hu peress illi hi kellha tghaddi l-paga kollha taghha lil ommha. Il-konvenuta sostniet illi kienet thobb lill-attur u konvinta illi anke hu kien ihobbha. It-tnejn riedu jizzewgu u t-tnejn riedu t-tfal. Hija xehdet illi l-attur u hi m'ghadhomx flimkien peress illi l-attur illum-il gurnata jghix ma' mara ohra li kien iltaqa` maghha waqt ix-xoghol u ghandu zewgt ulied ohra minn din il-mara l-ohra. Il-konvenuta hija tal-fehma illi l-attur irid l-annullament biex ma jkompliex imantniha kif obbliga ruhu li jaghmel fil-kuntratt tas-separazzjoni.

Illi in kontro-ezami, l-konvenuta baqghet tghid illi hija kienet kuntenta id-dar ta' ommha minkejja li kien hemm hafna sikkatura u minkejja l-fatt illi kienet tkun trid taghti l-paga kollha lil ommha. Il-konvenuta xehdet illi kienu seba ahwa u hasset li kellha tmantni lil hutha z-zghar. Il-konvenuta

kkonfermat illi kien hemm dixxiplina kbira id-dar ta' ommha fis-sens illi jridu jkunu d-dar, inkluz hi, sad-disa` u nofs, l-ghaxra ta' fil-ghaxija u jekk ma jkunux id-dar l-omm taghtihom *punishment* minkejja li l-konvenuta kellha dsatax-il sena u aktar, fis-sens li thallihom ghaxar minuti barra. Il-konvenuta xehdet ukoll illi anke meta ommha kienet tohrog u ddum sa tard bil-lejl, hi ma kelliex cavetta, minkejja l-fatt li kienet taghti lil ommha l-paga kollha u kien ikollha tibqa` tistenna barra il-bieb. Il-konvenuta kkonfermat ukoll illi kienet kostretta li taghti l-paga kollha taghha lil ommha u ommha lanqas biss ma kienet taghtiha *pocket money*. Ikkonfermat ukoll illi ommha lanqas biss ma kienet marret it-tieg taghha u dan skont il-konvenuta ghaliex l-attur ma kienx halliha taghtiha l-ahhar paga taghha qabel iz-zwieg. Il-konvenuta xehdet in kontro-ezami li ma jimpurtahiex mill-flus ghaliex il-flus mhux kollox u baqghet issostni li kienet kuntenta f'dak l-ambjent fid-dar ta' ommha, izda kkonfermat li iddispjaciha ferm illi ommha ma kienitx marret it-tieg taghha u kienet zammet ukoll lil ohtha z-zghira maghha u ma hallithiex tmur it-tieg tal-konvenuta. In kontro-ezami l-konvenuta kkonfermat illi llum-il gurnata hi u zewgha jinsabu separati u anke ddivorzjati u llum-il gurnata hi ghandha partner u ghalhekk zewgha m'ghadux aktar obbligat illi jhallasha manteniment, u bi qbil maghha m'ghadux ihallasha manteniment. Il-konvenuta kkonfermat ukoll li lanqas ohtha t-tewmija Angele ma kienet marret ghat-tieg taghha peress illi l-partner taghha ma kienx halliha tmur dakinhar. Illi finalment il-konvenuta in kontro-ezami xehdet illi hija ma tridx tiehu l-annullament ghaliex meta kienu ghadhom ma sseparawx, l-attur skont hi mar jaghmel kuntratt Brussel u serqilha l-flus. Talbitu xi haga biex thallas id-dejn li skont hi, dahhalha fihom l-attur minhabba s-separazzjoni u minhabba li kellha tmur ghand specjalisti, peress illi ghaddiet mis-separazzjoni u skont hi rat lil uliedha jbatu, izda hu rrifjuta li jaghtiha xi haga tal-flus biex thallas id-dejn u din hija r-raguni ghaliex hi ma tridx l-annullament.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ibbaza t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg fuq l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` li l-kunsens tal-partijiet

kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li xi hadd mill-partijiet, minhabba anomalija psikologika serja, kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde** fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza***

***nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

Illi l-Qorti rat illi mill-provi li gew prodotti l-attur ipprova illi kemm huwa u kif ukoll il-konvenuta dahlu ghal dan iz-zwieg bhala mezz sabiex isolvu l-problemi li kellha l-konvenuta fid-dar ta' ommha. Illi effettivament irrizulta mill-provi illi l-kondizzjonijiet li fihom kienet qeghda tghix il-konvenuta fid-dar ta' ommha ma kienux dawk li wiehed jista` jqishom bhala normali, apparti l-fatt illi l-genituri tal-konvenuta kienu sseparati, kien hemm il-fatt illi kienu seba ulied id-dar, tlieta minnhom kienu ghadhom zghar u ghalhekk  l-erba il-kbar, inkluz il-konvenuta, riedu jahdmu sabiex izommu lill-familja kollha u dana peress illi ghal xi raguni omm il-konvenuta waqfet milli tahdem u ghalhekk ir-responsabbilta` tal-familja kollha, kemm tal-omm kif ukoll tas-seba ulied, waqghat kollha fuq l-erba` ulied il-kbar.

Illi apparti mill-fatt li m'huwiex normali li l-genituri jitolbu l-paga kollha ta' xi hadd minn uliedhom kif gara lill-konvenuta fil-kaz odjern, lanqas ma hu tant normali, l-anqas fl-1985 illi l-genituri jinsistu, jew xi hadd mill-genituri jaghmel sikkatura kbira fid-dar, u jinsisti li t-tfal ikunu d-dar sad-9.30 p.m. jew inkella jissakkru barra u lanqas biss ikollhom cavetta tad-dar u dan meta qeghdin imantnu u jzommu lil huthom u lil ommhom bil-paga kollha taghhom.

Illi ghalhekk il-Qorti rat illi l-attur kien migbud lejn il-konvenuta u forsi kien ukoll ihobbha izda ma ezercitax id-diskrezzjoni mehtiega sabiex verament jaghti il-kunsens tieghu ghaz-zwieg, kif lanqas ma ghamlet l-istess konvenuta  u dana minhabba c-cirkostanzi partikolari u sfortunati li kienet qeghda tghix fihom il-konvenuta fid-dar ta' ommha. Illi mhux biss il-konvenuta kienet qeghda tbati izda anke ohtha t-tewmija, illi kellha tohrog mid-dar ta' ommha u tmur issib tikri post iehor.

Illi l-unika raguni, kif xehdet l-istess konvenuta, ghaliex hija qeghda topponi illi jinghata l-annullament taz-zwieg taghha hija konsiderazzjoni finanzjarja u cioe` peress illi skont hi l-attur ma jridx ihallasha somma ta' flus dovuta lilha peress illi, dejjem kif xehdet hi, mar Brussel u ghamel xi kuntratt li bih, dejjem skont hi, hadilha xi flus li kienu spettanti lilha. Illi certament dawn m'humiex konsiderazzjonijiet illi l-Qorti ghandha tidhol fihom ghaliex din m'hijiex kawza ta' separazzjoni izda kawza fejn intalab l-annullament taz-zwieg.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija , il-Qorti tilqa` t-talba tar-rikorrenti u qeghda tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, tordna illi l-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------